**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Avviz Nru. 1942/97VG**

**Korporazzjoni Telemalta u b'Digriet tas-26 ta' Marzu 1998 Maltacom p.l.c. assumiet l-atti tal-kawza**

**Vs**

**Mario Darmanin u b'Digriet tat-30 ta' April 1999 gie kjamat in kawza Mario Abela u b'Digriet moghti fil-5 ta' Marzu 2012 Anna Abela armla ta' Mario Abela u Paul Abela u Romina Vella ahwa Abela ulied il-mejjet Mario Abela assumew l-atti minflok Mario Abela li miet fil-mori tal-proceduri**

**Illum 10 ta' Ottubru 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avvizipprezentat mill-Korporazzjoni Telemalta (l-atti llum gew assunti minn Maltacom p.l.c.) permezz ta' liema titlob li Mario Darmanin (in segwitu il-procediment gie dikjarat ezawrit fil-konfront tieghu b'sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta' Mejju 2009) jigi ikkundannat ihallasha s-somma ta' disa' mija u tletin Lira Maltija u erbghin centezmu (Lm930.40), illum ekwivalenti ghal €2,167.25, rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 577326, skond kif jirrizulta mill-*istatement* anness ma' l-Avviz markat Dok. "A", liema servizz gie installat fil-fond 27, St. Dominic Street, Zabbar, u dana skond kif jirrizulta minn *service agreement* anness ma' l-Avviz markat Dok. "B", bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 29 ta' Novembru 1996, u t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq id-drittijiet professjonali, u bl-imghax legali kontra Mario Darmanin;

Rat id-dokumenti annessi ma' l-Avviz markati Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 2 u 3 tal-process;

Rat li b'Digriet datat 26 ta' Marzu 1998[1] is-socjetà Maltacom p.l.c. assumiet l-atti tal-kawza minflok il-Korporazzjoni Telemalta;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' Mario Darmanin permezz ta' liema eccepixxa li: (i) preliminarjament hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) istanza ohra bl-Avviz Nru. 1426/97DM li giet istitwita kontra tieghu ghar-rigward ta' l-istess pretensjoni li tinsab dedotta kontrih bl-Avviz odjern; u li (ii) bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, kwalsiasi ammont li talvolta jista' jkun dovut lis-socjetà attrici hu pagabbli minn Mario Abela u mhux minnu;

Rat li b'Digriet datat 30 ta' April 1999[2], gie kjamat in kawza Mario Abela;

Rat il-Kapitolu pprezentat fil-konfront tal-kjamat in kawza Mario Abela a fol. 25 tal-process;

Rat in-Nota ta' Cessjoni da parte tas-socjetà attrici fil-konfront tal-konvenut Mario Darmanin[3];

Rat li b'sentenza pronuncjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta' April 2001[4], giet milqugha t-talba attrici fil-konfront tal-kjamat in kawa Mario Abela li gie kkundannat ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' Lm930.40, bl-imghax legali b'effett mill-11 ta' April 2001 u bl-ispejjez kontra tieghu;

Rat li b'sentenza fl-ismijiet "Mario Abela v. Maltacom p.l.c." pronuncjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-17 ta' April 2007, is-sentenza fl-ismijiet "Korporazzjoni Telemalta v. Mario Darmanin et" Avviz. Nru. 1942/97 deciza fis-27 ta' April 2001 giet imhassra u revokata u giet ordnata r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet "Korporazzjoni Telemalta v. Mario Darmnain et" Avviz Nru. 1942/97;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' Mario Abela permezz ta' liema jopponi ghat-talba attrici in bazi ghas-segwenti eccezzjonijiet: (i) huwa ma ghandu l-ebda relazzjoni kontrattwali mas-socjetà attrici dwar is-servizz telefoniku bin-numru 577326; u (ii) fi kwalsiasi kaz, ma kienx hu li ghamel uzu mis-servizz telefoniku in kwistjoni u ghalhekk ma ghandux jirrispondi hu ghat-talba tas-socjetà attrici;

Rat li b'sentenza pronuncjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta' Mejju 2009[5], gie dikjarat u ordnata illi l-kawza titkompla u tigi deciza biss

---

[1] Fol. 9 tal-process.
[2] Fol. 14 tal-process.
[3] Fol. 27 tal-process.
[4] Fol. 28 u 29 tal-process.
[5] Fol. 43 sa' 48 tal-process.

fil-konfront tal-kjamat il-kawza Mario Abela filwaqt li l-procediment gie dikjarat ezawrit fil-konfront tal-konvenut originali Mario Darmanin;

Rat li b'Digriet datat 5 ta' Marzu 2012 Anna Abela armla ta' Mario Abela, Paul Abela u Romina Vella ahwa Abela wlied il-mejjet Mario Abela, assumew l-atti minflok Mario Abela li miet fil-mori tal-kawza;

Semghet ix-xhieda tal-P.L. Noel Scerri[6] u ta' Mario Abela[7] moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Jannar 2010, semghet ix-xhieda ta' Mario Darmanin moghtija waqt is-seduti tal-25 ta' Frar 2010[8] u tat-8 ta' Novembru 2010[9] u rat id-dokument esebit minnu a fol. 67 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Anna Abela[10] u ta' Paul Abela[11] moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Marzu 2012 u rat id-dokumenti esebiti minnhom a fol. 79 u 81 tal-process;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob il-kundanna ghall-hlas tas-somma ta' Lm930.40, illum ekwivalenti ghal €2,167.25, rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 577326, liema servizz kien installat fil-fond 27, St. Dominic Street, Zabbar. Originarjament is-socjetà attrici ddeduciet it-talba taghha fil-konfront ta' Mario Darmanin li kien eccepixxa li hemm pendenti quddiem din il-Qorti istanza ohra bil-Avviz Numru 1426/97DM li giet istitwita kontra tieghu ghar-rigward ta' l-istess pretensjoni li tinsab dedotta bil-proceduri odjerni u li l-ammont pretiz mis-socjetà attrici huwa se mai dovut minn certu Mario Abela u mhux minnu.

Bhala fatt dan Mario Abela gie kjamat in kawza[12] u wara li kien jidher li gie notifikat u ma ipprezentax eccezzjonijiet ghat-talba attrici, is-socjetà attrici ipprezentat Kapitolu fil-konfront tieghu[13] u fis-27 ta' April 2001, qabel ma ottjeniet sentenza – liema sentenza in segwitu giet imhassra u revokata u giet ordnata t-trattazzjoni mill-gdid ta' dawn il-proceduri[14] - is-socjetà attrici cediet l-atti tal-proceduri odjerni fil-konfront tal-konvenut originali Mario Darmanin[15]. Din ic-cessjoni fil-konfront ta' Mario Darmanin giet ikkonfermata minn din il-Qorti diversament presjeduta b'sentenza parzjali pronuncjata fil-11 ta' Mejju 2009[16], fejn gie ordnat illi *l-kawza titkompla u tigi deciza biss, fil-konfront tal-kjamat fil-kawza Mario Abela, waqt li, ghal kull buon fini,*

[6] Fol. 52 u 53 tal-process.
[7] Fol. 54 u 55 tal-process.
[8] Fol. 61 sa' 65 tal-process.
[9] Fol. 68 tal-process.
[10] Fol 84 u 85 tal-process.
[11] Fol. 82 u 83 tal-process.
[12] Digriet moghti fis-26 ta' Marzu 1998, fol. 9 tal-process.
[13] Fol. 25 tal-process.
[14] Sentenza fl-ismijiet "Mario Abela v. Maltacom p.l.c." Citaz. Nru. 29/04 deciza fis-17 ta' April 2007.
[15] Nota ta' Cessjoni a fol. 27 tal-process.
[16] Fol. 43 sa' 48 tal-process.

*tiddikjara l-procediment ezawrit fil-konfront tal-konvenut originali Mario Darmanin*. B'hekk dak li qed jigi kkunsidrat u deciz b'din is-sentenza hija l-fondatezza o meno tat-talba attrici fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet sollevati mill-kjamat in kawza Mario Abela.

L-imsemmi Mario Abela eccepixxa li huwa ma ghandu l-ebda relazzjoni kontrattwali mas-socjetà attrici dwar is-servizz telefoniku bin-numru 577326 u fi kwalsiasi kaz ma kienx hu li ghamel uzu mis-servizz telefoniku in kwistjoni u ghalhekk ma ghandux jirrispondi hu ghat-talba tas-socjetà attrici. Mario Abela miet fil-mori tal-proceduri u l-atti gew assunti mill-armla tieghu Anna Abela u minn uliedu Paul Abela u Romina Vella ahwa Abela.

Mill-provi prodotti jirrizulta li b'applikazzjoni datata 14 ta' Jannar 1986[17], Mario Darmanin talab ghall-installazzjoni tal-linja tat-telephone fil-fond 27, St. Dominic Street, Zabbar, fir-rigward ta' liema linja tat-telephone hemm dovuti arretrati fl-ammont ta' Lm930.40, illum ekwivalenti ghal €2,167.25[18]. Fir-rigward tal-pretensjoni tas-socjetà attrici l-P.L. Noel Scerri ghall-istess socjetà attrici ddikjara li *b'referenza ghad-Dok. A u Dok. B li hemm esebiti ma' l-Avviz originali ta' din il-kawza, jiena nikkonferma l-ammont ta' disa' mija u tletin lira Maltin u erbghin centezmu kif indikat fid-dokument A u nikkonferma wkoll li d-dokument B huwa l-ftehim li hemm vigenti mas-socjetà attrici fir-rigward tat-telephone number meritu tal-kontestazzjoni. Jien irrid nghid li sa' llum l-ammont li ghadni kif semmejt ghadu pendenti u ma thallasx. Irrid nghid li l-ftehim li qieghed Dok. B fol. 3 tal-process kien gie iffirmat ma' certu Mario Darmanin, li fil-fatt kien l-individwu originali kontra min kienet giet istitwita din il-kawza. Dan Mario Darmanin kien talab il-kjamata in kawza ta' Mario Abela billi kien qal li, dan Mario Darmnin kien qed jallega li l-pagament kien dovut minn Mario Abela billi n-numru kien ghamel uzu minnu hu. Jien irrid nghid li fiz-zmien meta dawn il-proceduri kienu ghadhom pendenti quddiem il-Magistrat Dennis Montebello, Mario Darmanin kien qal illi fil-fatt huwa ma kellu jaghti assolutament xejn lis-socjetà attrici ghar-raguni li skond hu l-ammont kien dovut minn Mario Abela billi kien hu li kien ghamel uzu minn dan in-numru meritu tal-kontestazzjoni. ... Naturalment jiena lil dan Mario Darmanin nirriserva li nipproducieh bhala xhud biex jikkonferma dan kollu. Irrid nghid ukoll li kuntratt bil-miktub ma' Mario Abela ma jezistix bejn is-socjetà attrici u l-istess Mario Abela*[19].

Mario Darmanin, prodott bhala xhud mis-socjetà attrici, xehed illi *jien niftakar li fiz-zmien kienet infethet kawza kontra tieghi minn dak iz-zmien Korporazzjoni Telemalta fir-rigward ta' hlas ta' servizz ta' numru telefoniku abbinat mal-flat numru 27, St. Dominic Street, Zabbar. Jiena niftakar li kont dehert f'dawk il-proceduri u tramite l-avukat tieghi kont tlabt il-kjamata in kawza ta' certu Mario Abela. Jiena kont tlabt din il-kjamata ghar-raguni li*

[17] Dok. "B" a fol. 3 tal-process.
[18] Dok. "A" a fol. 2 tal-process.
[19] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Jannar 2010, fol. 52 u 53 tal-process.

*ma kellix inhallas jiena ghal dan is-servizz billi fil-perjodu in kwistjoni fil-fatt ma kontx nghix jien izda kien ighix dan Mario Abela. Jiena lil Mario Abela ma nafux personalment u qatt ma rajtu izda naf li hu kien ighix f'dan il-flat fil-perijodu in kwistjoni. Biex nikkjarifika. Meta nghid li kien Mario Abela li qed jirrisjedi fil-flat, jiena bhala fatt qed nghid flat fil-blokka Ocean Flat u jekk minghalija sew in-numru tal-flat kien in-numru 6, f'Parades Street, St. Paul's Bay. Dan il-flat huwa proprjetà tal-kunjata tieghi Mikelina Carbonaro u kienet hi stess li qaltli li f'dak il-perijodu l-flat kien mikri lil Mario Abela. Jiena naf ukoll li kien hemm perjodu fejn kien hemm xi licenzja mhux imhallsa mill-istess Mario Abela u fil-fatt il-kont tal-hlas ta' din il-licenza kien qed jintabaghat lilu f'dak il-flat. Jiena kont ghamilt perijodu qasir nghix f'dan il-flat ghaliex fil-fatt kont biddilt id-dar. In-numru imsemmi fl-avviz jigifieri 577326 kien originarjament abbinat mal-fond 27, St. Dominic Street, Zabbar, però imbaghad jiena kont hrigt minn dan il-fond ghax kont se nixtri proprjetà ohra u mort noqghod ghal perjodu qasir hafna f'St. Paul's Bay u fil-fatt kont ittrasferejt il-577326 mill-fond f'Haz-Zabbar ghall-flat f'San Pawl il-Bahar, izda jiena fiz-zmien imsemmi mill-Korporazzjoni attrici ma kontx qed nghix f'dak il-flat. Meta jiena imbaghad hrigt mill-flat ta' San Pawl il-Bahar biex immur noqghod fid-dar fejn fil-fatt qed nghix illum, jiena dak in-numru hallejtu fil-flat u ma ttrasferejtux fil-proprjetà l-gdida tieghi. Jiena nikkonferma li n-numru ndikat fl-avviz originarjament kien marbut mal-fond f'Haz-Zabbar u kif spjegajt meta mort nghix ghal perijodu qasir hafna San Pawl il-Bahar, ittrasferejt dak in-numru minn Haz-Zabbar ghal San Pawl il-Bahar, izda imbaghad meta tlaqt minn San Pawl il-Bahar in-numru ma ergajtx ittrasferejtu ghal fond il-gdid tieghi. … Jiena rrid nghid illi l-flat ta' San Pawl il-Bahar billi huwa tal-kunjata nqisuh bhala tal-familja. Jiena ma nafx kemm damet il-kunjata biex regghet krietu lil dan Mario Abela izda in-numru imbaghad ma caqlaqtux ghad-dar tieghi permanenti ghax deherli li t-telephone stajt inhallih hemmhekk fil-proprjetà tal-familja*[20]. In ezami Mario Darmanin ikkonferma li sa' fejn jaf hu Mario Abela qatt ma ghex fil-fond Nru.27, St. Dominic Street, Zabbar.

In kontro-ezami Mario Darmanin iddikjara li *nikkonferma li l-informazzjoni li Mario Abela kien joqghod fil-fond f'San Pawl il-Bahar fil-perijodu meritu ta' dawn il-proceduri kienet taghtieli l-kunjata tieghi w anke fuq din il-karta tal-licenzja li ghadni kemm semmejt, kif ghidt kienet indirizzata lil Mario Abela u mibghuta fl-indirizz ta' San Pawl il-Bahar. … Wara li tlaqt mill-fond ta' San Pawl il-Bahar ma ergajtx mort nghix hemmhekk, izda x'setghet ghamlet il-kunjata ma nafx*[21].

Mario Abela, illum mejjet, kien xehed: *fuq domanda jekk jiena lil Mario Darmanin nafux, nghid li jiena din il-persuna assolutament m'ghandix idea min hu. Qed issirli referenza wkoll ghan-numru tat-telephone 577326 li mill-atti jirrizulta li kien gie registrat fuq il-fond 27, St. Dominic Street, Zabbar,*

---

[20] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Frar 2010, fol. 61 sa' 65 tal-process.
[21] *Ibid.*

*nghid li jiena la naf b'dan in-numru u lanqas b'dan l-indirizz. Jiena twelidt, ghixt u ghadni nghix sal-gurnata ta' llum Bormla. Nikkoregi ruhi, mhux Bormla izda Rabat, hawn Malta.*

Anna Abela, mart Mario Abela, xehdet illi *jiena nigi l-armla ta' Mario Abela, konna ilna mizzewgin minn Jannar ta' l-1982 u konna nghixu fil-fond "Casa Marianna", San Gwann l-Ghammied, ir-Rabat. … Tul iz-zmien kollu li domna mizzewgin, ir-ragel tieghi Mario Abela dejjem ghex mieghi f'dan il-fond, jigifieri f' "Casa Marianna", San Gwann l-Ghammied, Rabat. Nerga' intenni li r-ragel tieghi dejjem ghex mieghi d-dar u qatt ma ghex f'post iehor, lanqas ghal perijodu qasir hafna. … Iz-zewg fondi 27, Triq San Duminku, Zabbar u Ocean Flats, Flat 6, Triq Parades, San Pawl il-Bahar, nghid li jien qatt ma smajt bihom, u lanqas naf min jista' jkun joqghod fihom. Ir-ragel tieghi dawn iz-zewg fondi qatt ma semmihomli*[22]. Paul Abela, iben Mario Abela, xehed illi *missieri dejjem ghex maghna u qatt ma kien hemm l-ebda perijodu fejn hu ma ghex id-dar maghna. Qed nigi muri d-dokument immarkat AA1 u nikkonferma li l-kitba hija ta' missieri. Qed nigi muri d-dokument a fol. 67 tal-process u nghid li l-kalligrafija li hemm fuq dan id-dokument, fejn jirrizulta indirizz Casa Mariana, Triq San Gwann Ghamied, Rabat, fejn il-kelma Mariana ghandha 'n' wahda u l-kelma Ghamied ghandha 'm' wahda, ma hijiex il-kalligrafija ta' missieri. Fir-rigward tal-fond 27, Triq San Duminku, Zabbar u Ocean Flats, Flat 6, Triq Parades, San Pawl il-Bahar, nghid li jien dawn il-fondi qatt ma smajt bihom u m'ghandix idea min jista' jghix fihom. Jien kont close hafna ma' missieri u dawn iz-zewg fondi qatt ma semmihomli*[23].

Mix-xhieda mressqa u mill-provi prodotti l-Qorti ma tirriskontrax fatti w elementi li sodisfacentement jikkonvincuha li l-ammont ta' Lm930.40, illum ekwivalenti ghal €2,167.25, pretiz mis-socjetà attrici huwa lilha dovut minn Mario Abela w illum mill-armla tieghu Anna Abela w ulieda Paul Abela u Romina Vella. Din l-osservazzjoni hija bbazata fuq il-principju assodat in materia ta' hlas ta' kontijiet tat-telefon illi kemm-il darba l-applikant jibqa' registrat bhala tali mal-provditur tas-servizz, f'dan il-kaz is-socjetà attrici, huwa dak l-applikant li jibqa' responsabbli ghall-hlas tal-kontijiet tat-telefon irrispettivament mill-fatt li l-linja ma tkunx qed tintuza minnu jew li ma jkunx ghadu qed jaghmel uzu minn dik il-linja, sakemm ma jasalx fi ftehim mod iehor mal-provditur tas-servizz[24].

Kif già iktar 'l fuq osservat mid-dokument Dok. "B" a fol. 3 tal-process jirrizulta li l-applikazzjoni ghas-servizz ta' linja tat-telephone fil-fond Nru.27, St. Dominic Street, Zabbar, saret minn Mario Darmanin u mhux minn Mario

[22] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Marzu 2012, fol. 84 tal-process.
[23] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Marzu 2012, fol. 82 tal-process.
[24] Maltacom p.l.c. v. C.P.L. Developments Limited et, Citaz. Nru. 2619/98 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' April 2001 u Maltacom plc v. Silvan Industries Ltd et, Appell Civili Nru. 2717/02 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' Novembru 2007.

Abela. Jirrizulta wkoll li Mario Abela ma kellu assolutament l-ebda konnessjoni mal-fond Nru.27, St. Dominic Street, Zabbar, fatt dan ammess mill-istess Mario Darmanin li jikkontendi li Mario Abela kien ghamel zmien jirrisjedi f'fond f'San Pawl il-Bahar ghal fejn, jghid l-istess Darmanin, kien ittrasferixxa s-servizz tat-telephone li kien ottjena ghall-fond f'Haz-Zabbar. Ix-xhieda ta' Mario Darmanin però ma hijiex attendibbli ghal zewg ragunijiet fondamentali: (i) fl-ewwel lok, ma tressqet l-ebda prova li s-servizz tat-telephone originarjament ottenut ghall-fond Nru.27, St. Dominic Street, Zabbar, kien gie trasferit ghall-fond Ocean Flats, Flat 6, Parades Street, San Pawl il-Bahar; u (ii) fit-tieni lok, kif ammess mill-istess Mario Darmanin, l-informazzjoni li fil-perijodu rilevanti ghall-kaz in ezami kien Mario Abela li allegatament kien jirrisjedi fil-fond f'San Pawl il-Bahar u li ghamel uzu minn dak is-servizz tat-telephone ma kienx jafha hu b'mod dirett izda xehed fuq li qaltlu l-kunjata tieghu Mikelina Carbonaro, li però baqghet ma tressqitx bhala xhud – u dana mis-socjetà attrici ghax kien certament fl-interess taghha li taghmel hekk – biex tikkonferma dak affermat minn Mario Darmanin.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li Mario Abela, u llum l-armla tieghu w uliedu, ma ghandhom l-ebda relazzjoni kontrattwali u guridika mas-socjetà attrici u ghaldaqstant is-somma minnha pretiza f'dawn il-proceduri, ossia s-somma ta' Lm930.40, illum ekwivalenti ghal €2,167.25, rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 577326, liema servizz gie installat fil-fond 27, St. Dominic Street, Zabbar, ma hijiex lilha dovuta minnhom dovuta.

B'hekk jirrizulta li t-talba attrici kif diretta fil-konfront ta' Anna Abela armla ta' Mario Abela u ta' Paul Abela u Romina Vella ahwa Abela wlied il-mejjet Mario Abela ma hijiex gustifikata u b'hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet ta' Anna Abela armla ta' Mario Abela u ta' Paul Abela u Romina Vella ahwa Abela wlied il-mejjet Mario Abela, tichad it-talba attrici.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mis-socjetà attrici.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**